# SAMARITANA
## XENA BIBLIKA

*Ta'* A. CREMONA

*LILL-QARREJ*

*Dan l-episodju drammatiku hija xena ta' ġrajja immaġinarja fuq ambjent bibliku li fiha n-nies tal-ġrajja huma wkoll immaġinarji — barra mis-SAMARITANA, b'isem ukoll mistħajjel, u KRISTU, li jidher wara l-jum li qam mill-imwiet.*

*Fil-persuna tas-Samaritana hemm dik il-figura, li l-moħħ li stħajjilha, taha xeħta ta' bniedma li fiha l-kelma ta' Kristu, fejn il-Bir ta' Ġakobb, ħadmet mhux ftit fuq il-qalb, fuq il-moħħ, u fl-aħħarnett fuq ir-ruħ, hekk li bidlitha u firditha għal kollox minn ħajja ta' hena qarrieqa—kif ħassitha u stqarritha hija nnifisha fi kliemha b'dik il-ħeġġa u fidi qawwija li nisslilha fomm il-Messija. Hawn is-Samaritana tista' toqgħod ma' dik ta' xi nisa oħra tal-Vanġelu li kliem ir-Rabbi ta' Nażareth wasal sal-qiegħ ta' ruħhom, fosthom f'dik tal-Maddalena.*

*Għalkemm l-Evanġelista ma jsemmi xejn fuq is-Samaritana wara l-laqgħa u taħdita tagħha mal-Barrani tal-Lhudija, fil-bini u nisġa tal-ġrajja, b'fond bibliku, li fiha s-Samaritana hija s-simblu tas-setgħa tal-kelma tal-Messija fuq ruħ marbuta mad-dinja, il-kittieb ma setax ma jistħajjilhiex quddiem għajnejh bħala l-MIFDIJA tas-Samarija—figura li għalkemm mhux biblikament storika għalkollox, hija artistikament u moralment simbolika.*

*Kittieba oħra tawna din il-figura imżewqa ta' romantiċiżmu reliġjuż fil-persuna biblika ta' Marija ta' Magdala, u għalhekk, f'dan id-daqsxejn ta' xogħol drammatiku, jien deherli wkoll is-Samaritana nista' npinġiha fuq dik il-fasla u b'dawk l-ilwien li tagħtina l-arti drammatika tal-lum.*

*Nagħlaq dawn il-kelmtejn biex niżżikhajr lil ħabibi Dun Karm Sant, B.A., Lic.D., Lic. S.S., D.D., li għoġbu jarali l-manuskritt ta' dan ix-xogħol u jwettaqli xi punti dwar it-test, l-ambjent u persunaġġi bibliċi.*

*A. CREMONA*

# SAMARITANA

XENA BIBLIKA TA' ŻMIEN KRISTU

## PERSUNAĠĠI

JAGĦUŻ — ragħaj
ELIŻEW — ragħaj
ISMAGHEL
RAKELA
REBEKKA
SARAH
DEBORAH — Is-Samaritana
KRISTU

*Il-Ġrajja ssir fis-Samarija fl-inħawi tal-Belt ta' Sikar. Żmien Kristu.*

*Id-daħla ta' wied bejn il-għoljiet ta' Ebal u Garizim. Fin-nofs jidher il-bir ta' Ġakobb mgħotti bl-għarix. Warajh, min-naħa tal-lemin, il-bogħod tidher il-belt ta' Sikar bil-mergħat u l-ġonna jħaddru madwaru; max-xelluġ siġar tal-ballut f'tarf ta' għelieqi li jinfirxu sal-wilġa tal-wied. Fil-qrib ngħaġ jirgħu 'l hawn u 'l hinn.*

JAGĦUŻ *bilqiegħda fuq il-ħerża tal-bir b'ħatar f'idu; wieqaf ħdejh b'daħru jistrieħ mal-ħerża r-ragħaj* ELIŻEW *ukoll bil-ħatar f'idu.*

JAGĦUŻ : U minn fejn hu dak ir-raġel li sallbu f'Ġerusalemm?

ELIŻEW : Igħidu li hu minn Nażareth.

JAGĦUŻ : Minn Nażareth? Jismu?

ELIŻEW : Ġesù.

JAGĦUŻ : Ġesù. Mhux isem ġdid għalija. Deherli li smajthom isemmuh ġewwa Sikar.

ELIŻEW : Naħseb, l-iktar li jafuh in-nisa tagħna, li, kif igħidu, rawh u stagħġbu bi kliemu.

JAGĦUŻ : Semgħuh?

ELIŻEW : Semgħuh, Jagħuż, u jemmnu bih mhux ftit.

JAGĦUŻ : *(Hosbien)*. Naħseb li hu. U xi ħtija sabulu?

ELIŻEW: Hadd ma jaf sewwa. Hemm min igħid li hu kien qiegħed ixewwex lil-Lhud biex ma jħallsux il-ħaraġ lis-Sultan ta' Ruma, hemm min igħid li kiser il-liġijiet tas-Sinagoga, li xxandar Bin Alla u li jrid iwaqqaf liġi u saltna ġdida li ma taqbilx ma' dik tal-Qassisin Lhud. L-irjus kbar u l-qassisin tas-Sinedrju riedu, għalhekk, jeqerduh u xlewh quddiem Qajfa, u mbagħad quddiem Pilatu, ir-Rumi.

JAGĦUŻ: U dawn x'qalu?

ELIŻEW: Emminni, ma stajt naqbad xejn iżjed. Kif taf int, jiena kont tlaqt għal Ġerusalemm bil-ħrief tiegħi, u b'xi nagħġiet fejn ridt niltaqa' ma' xi xerrejja fis-suq ta' dik il-belt. Wasalt hemmhekk sew sew lejlet il-Għid, u fil-jumejn li qgħadt hemmhekk sibt il-belt mimlija nies ta' dik il-belt u nies barranin. Il-Lhud li kienu jgħammru 'l bogħod kollha nġemgħu ma' oħrajn ta' ġewwa l-belt fil-maqdes tagħhom għall-Għid il-Kbir. L-għada s-sema sebaħ miksi sħab iswed. Fil-belt kien hemm għagħa kbir; irġiel u nisa jiġru minn hawn u minn hinn. Kien hemm bħal dagħdigħa u tkexkixa bħal dik ta' riħ lejlet xi riefnu kbir. Ħsejjes ta' sandli u mixi ta' saqajn ħafja ta' ħlejjaq ta' nies sejrin lejn it-triqat li jieħdu lejn is-swar ta' madwar il-belt. Jien ingħaqadt ma' xi nies tas-Samarija u staqsejthom x'ġara. "Sejrin", qaluli, "lejn il-għolja msejħa Golgota taħt il-ħitan tal-belt fejn sejrin isallbu xi ħatjin: żewġ ħallelin kbar, fosthom ukoll lil wieħed imsemmi Ġesù ta' Nażareth—bniedem li għamel ħafna għeġubijiet. Iżda l-Qassisin Lhud u l-Fariżin jobogħduh għax qal li hu Bin Alla u Sultan tal-Lhud. Milli jidher beżgħu minnu u riedu jeqerduh."

JAGĦUŻ: Naħseb li dawk il-Qassisin tal-Lhudija għandhom raġun.

ELIŻEW: Taħseb hekk, Jagħuż?

JAGĦUŻ: Hekk naħseb, Eliżew. Kien hemm bosta oħra fil-Lhudija li kienu jgħidu li huma l-Messija, bħalu, u kienu jqarrqu bin-nies, u hekk naħseb li hu dan.

ELIŻEW: Iżda jien le, Jagħuż. Jiena rajtu lil dan il-bniedem. Rajtu u ġiebli ħniena... u deherli li minn wiċċu mhux dak il-bniedem li seta' jqarraq in-nies... li hu ħati kif igħidu l-għedewwa tiegħu.

JAGHUŻ : Rajtu?

ELIŻEW : Rajtu... mgħobbi b'salib għaddej mit-toroq ta' Ġerusalemm qalb dewwedija ta' nies tirtass biex tarah, fosthom nisa, tfal, barra qatta Lhud Fariżin jiddieħku bih u juruh b'subgħajhom... wiċċu mixrub, imċappas bid-dmija nieżel minn rasu—għajnejh fil-ħofra, imbexxqa... miexi bil-pass għajjien... ġie waqtiet li waqa' għal darba u tnejn taħt it-tagħbija tas-salib... u xita ta' swat fuq dahru dlonk taraha nieżla minn idejn is-suldati u daqqiet ta' sieq biex iġagħluh iqum. Xi ħadd ħabat iserrħu mit-toqol, iżda ħadd ma seta' iċaqalqu minn taħt dak is-salib ta' ħxuna u toqol li ma bħalu... x'ħin f'daqqa waħda dak il-bniedem, għajjien kif kien u mingħajr nifs... ħaġa tal-għaġeb, irtafa' mill-art, għamel ħiltu, raġa' rafa' s-salib u baqa' jġorru sa tarf il-għolja.

JAGHUŻ : Għamel f'ħajtu bosta għeġubijiet, kif għidtli u kif igħidu wkoll ħawnhekk, u mhux ħaġa tal-għaġeb biex bisseħer tiegħu kellu l-ħila jerġa' jerfa' dak is-salib u jġorru. Ħaddieħor kien jibqa' mejjet taħt dik it-tagħbija, swat u daqqiet ta' sieq, imbiċċer kif kien. Bniedem bħal dak ma tistenniex li kellu jħalli min igħabbih bis-salib tal-agħar nies ħatja, joqgħod għal dak is-swat, u fuq kollox għal dawk it-tbatijiet u mewt bħal dik.

ELIŻEW : Biex ingħidlek, hekk għidt jien f'qalbi, iżda xi ħadd qalli, għax sema' minn sħabu tax-xirka ta' dak il-bniedem, li hekk ried l-Imgħallem tagħhom, kif huma kienu jsejħulu, għax hekk kien miktub fil-liġi l-qadima li kellu jgħaddi minnu għall-fidwa tan-nies tad-dinja.

JAGHUŻ : U x'taħseb li kien dal-bniedem?

ELIŻEW : Ngħidlek is-sewwa, Jagħuż, jien qatt ma ġietni l-ħajra mmur warajh, sew meta nzertajt immur fis-swieq ta' dik il-belt u lanqas meta darba n-nisa tagħna ġġennet għal warajh u wasslitu sa tarf il-Galilija, u meta mar f'Nażareth, ir-raħal fejn ukoll inzertajt mort nixtri xi mtaten. L-ebda kelma ma smajt minn fommu. Wiċċu ma kontx rajtu ħlief huwa u sejjer għall-mewt.—Dak il-ħin ħassejtni hekk miġbud lejh li ġietni ħasra hekk kbira li qabżuli d-dmugħ. Meta mbagħad, wara li sallbuh, huwa għalaq għajnejh, jiena kont għadni f'Ġerusalemm. Dak innhar ix-xemx tgħattiet f'daqqa waħda b'dalma l-iktar

sewda qabel il-ħin ta' nżul tagħha. Is-sema tħawwad... irwiefen, beraq, ragħad, tfaqqigħ ta' sajjetti u ħsejjes minn wara l-għolja fejn sallbu dak il-bniedem. L-art bdiet titriegħed... id-djar jixxejru... kull fejn tirfes donnu sa jinżel bik... qatt ma tkexkixt daqs dak in-nhar, u fittixt nitlaq minn dik il-belt tal-biża' qabel ma sebaħ l-għada. *(Jagħuż u Eliżew jitħarrku minn ħdejn il-bir).*

JAGĦUŻ: Imma inti taħseb li dan il-bniedem kien tassew dak il-Messija li kif igħidu kienu tkellmu fuqu l-Profeti ta' żmien misserijietna x-xjuħ?

ELIŻEW: Milli rajt, u minn dak li ġara wara mewtu, jien wisq naħseb li hu dak, Jagħuż. Inti tiftakar kemm stagħġbu bih in-nies tal-belt ta' Sikar bl-għeġubijiet tiegħu, kemm nies kien jiġbor madwaru, u kif kulħadd kien issaħħar wara kliemu, l-iktar in-nisa tagħna, meta darba kien ġie lejn dawn l-inħawi flimkien ma' sħabu tax-xirka tiegħu.

JAGĦUŻ: Iva, niftakar, Eliżew. U kien jidhirli f'dawn l-inħawi meta darba n-nisa tagħna **ltaqgħu miegħu u ma' sħabu** u baqgħu sejrin għal warajh sal-belt ta' Sikar fejn dawk in-nies ġagħluh joqgħod fosthom għal xi jumejn. Kienu ssaħħru hekk wara kliemu u l-għeġubijiet tiegħu li ma ridux iħalluh jitlaq lejn il-Galilija. Ismagħel, il-ħabib ta' Deborah, kien qalli li din kienet iltaqgħet miegħu fejn ħoġor dak il-bir *(juri l-bir ta' Ġakobb)* filwaqt li kien qiegħed jistrieħ u talabha tagħtih jixrob x'ħin ġiet timla l-ilma. Ismagħel qalli li dan il-bniedem kien għamlilha xi seħer, għaliex minn dak in-nhar lil Ismagħel Deborah warrbitu u għalqitlu l-bieb ta' darha.

*Jidhru resqin lejn il-bir Rakela, Rebekka u Sarah bil-qolol fuq kiftejhom.—Ir-rgħajja Jagħuż u Eliżew jissoktaw jitkellmu bejniethom bil-mod. Wara ftit jitilqu u jgħibu.*

RAKELA: *(Turi b'subgħajha l-bir).* Kien hawn meta Deborah ratu u kellmitu.

REBEKKA: U kien talabha jixrob.

SARAH: U dik ħabtet tiddieħak bih.

*(Kull waħda minnhom tersaq timla mill-bir u tferragħ l-ilma fil-qolla).*

RAKELA: U dak reġa' talabha.

REBEKKA : Il-Lhud, qaltlu hi, ma jitolbux ilma lilna tas-Samarija.

SARAH : U hu reġa' talabha, qaltilna. *(Bi tbissima)*.

RAKELA : Biex imbagħad jisqiha mill-ilma tiegħu, qalilha.

REBEKKA : U x'ilma ried jagħtiha?

SARAH : Ilma li ma jaqtax il-għatx. *(Sarah u sħabha jaqbdu jidħku)*. Ilma li bih, qalilha, tibqa' tgħix għal dejjem.

RAKELA : U talbitu minn dak l-ilma.

SARAH : U hu qalilha, qabel xejn mur għid lil żewġek jiġi.

RAKELA : U dik ħmaret għax żewġha ma kellhiex.

REBEKKA : Kellha, Rakel, imma dak li kellha f'darha ma kienx żewġha.

SARAH : Umalli dak il-bniedem urieha li jaf b'ħajjitha, hija ħasbitu r-Rasul. Imma dak qalilha li hu l-Messija.

REBEKKA : Il-Messija?!

SARAH : Il-Messija, qalilha.

RAKELA : Iva, il-Messija, qalilha.

REBEKKA : U rajtuh, intom, lil dal-Messija? Smajtuh?

RAKELA : Iva, rajnieh. Rajnieh huwa u sejjer ma' sħabu tax-xirka lejn Sikar. Deborah urithulna.

SARAH : Iva, qalilha li hu l-Messija. Qalilha li hu Kristu, il-Messija.

REBEKKA : U issa fejn hu?

RAKELA : *(B'leħen ħiemed)*. Igħidu li hu f'Ġerusalemm fejn il-Lhud sħabu ċaħduh. Xlewh li hu kien qiegħed jikser il-liġijiet tagħhom. Li hu mhux il-Messija... mhux is-Sultan tal-Lhud, bħalma kien qiegħed igħid. U kif issa qalu, qabduh, ħaduh quddiem il-Qassisin tas-Sinagoga, u riedu joqtluh, isallbuh.

SARAH : U naħseb li qatluh.

*Tidher Deborah ġejja b'qolla fuq kitfejha u b'oħra f'idha l-lemenija.*

REBEKKA : *(Issefsef f'widnejn sħabha)*. Ġejja.

SARAH : Insaqsuha.

REBEKKA : Ngħidulha.

RAKELA : Insaqsuha.

*(Deborah tersaq biex timla l-ilma).*

SARAH : *(lil sħabha)* Deborah qalbha sewda dalgħodu.

REBEKKA : Hekk tidher minn wiċċha.

RAKELA : Mhux soltu, Deborah, turina dak il-wiċċ... dawk l-għajnejn miksurin.

SARAH : *(Lil Deborah)*. Xi ġralek il-lejla? Għidilna.

DEBORAH : X'intom tarawli f'wiċċi li qiegħed iħassibkom daqshekk?

RAKELA : Naħseb li semgħet bħalma smajna aħna, u, għalhekk, forsi tidher hekk imdejqa.

DEBORAH : U xi smajtu? — Nista' nkun naf?

SARAH : Dak ir-Rabbi, jaħasra. Dak li darba kien ġie hawnhekk jistrieħ fejn ħoġor il-bir u talbek tisqih... tiftakar, Deborah. Kont ġejt tgħidilna li qralek f'qalbek, tiftakar, Deborah. Kemm ġejt tiġri tgħidilna li hu l-Messija tagħna... u n-nies tal-belt laqgħetu, fejn igħidu fejjaq xi nies u għamel xi għeġubijiet *(b'leħen hiemed)*. Dak ir-Rabbi li firdek minn Ismagħel, dak ir-Rabbi, kif smajna, ġibuh quddiem il-Qassisin il-Kbar tas-Sinagoga tal-Lhud, għabbewh bis-salib, u, kif igħidu, sallbuh taħt is-swar ta' Ġerusalemm.

RAKELA : Sabuh ħati.

DEBORAH : Ħati ta' hix?

RAKELA : Kif igħidu kiser il-liġi tal-Lhud. Xlewh li ried ixewwex... iqarraq, igħid li hu s-Sultan tal-Lhud.

SARAH : Li hu bin Jahweh... mibgħut minnu... Qabduh u ġibuh quddiem il-Qassisin u l-Ħakem ta' Ġerusalemm, u dan tah f'idejn il-Lhud biex jagħmlu ħaqq minnu. Ma smajtx?

DEBORAH : Ma nemminx.

SARAH : Ma temminx?

DEBORAH : Ma nemminx li hu ħati. Għadu quddiem għajnejja. Kliemu jidwi ġewwa widnejja. Jien ridt niddieħak bih meta qalli : "Kieku taf min Hu dak li qiegħed igħidlek — "Agħtini nixrob — kont titolbu int, u kien jagħtik ilma ħaj". — U meta ssuktajt ngħidlu bid-daħka

f'fommi: "Mela int aqwa minn Ġakobb, missierna, li tana dan il-bir? — "Min jixrob minn l-ilma li nagħtih jien, ma jieħdu għatx qatt, imma jsir fih ilma tal-ħajja" weġibni. U jien dejjem bid-daħka qbiżt għidtlu — "Agħtini minn dak l-ilma mela biex ma jeħodnix l-għatx, u ma noqgħodx niġi nimla kull darba" — Fit-tweġiba li tani biex insejjaħ lil żewġi biex b'hekk inkun nista' nifhem kliemu u nħoss ġo fija l-hena ta' dak l-ilma li bih ried jisqini, jien minn dak il-ħin ħassejtni mara oħra. Fi kliemu li għarrafni b'dak Alla, missierna, li għandna nqimuh mhux biss fuq il-għolja ta' Ġariżim, iżda f'ruħna u kullimkien, jien ħassejt li qiegħda quddiem dak il-Profeta, dak il-Messija li ħabbrulna—dak Kristu li intom għidtuli li l-Lhud sħabu sallbuh. Għalhekk jien inħoss f'ruħi li dak il-Bniedem mhux ħati ta' dik il-mewt li tawh fuq is-salib.

RAKELA: Deborah baqgħet imsaħħra minn kliemu. Għadha ma tistax temmen li dak il-bniedem ħalla lill-għedewwa tiegħu joqtluh, meta hu bħala Messija, bħala profeta, Bin Jahweh, sata' jeħles mill-mewt u bil-kelma tiegħu biss imewtilhom idejhom. Xi tgħid Sarah?

SARAH: Hekk naħseb jien ukoll.

REBEKKA: U hekk ngħid ukoll jien.

SARA: Deborah għadha toħlom bih, u ma tistax tneħħih minn quddiem għajnejha.

DEBORAH: Iva, sewwa qed tgħid. Jiena għadni noħlom bih u l-ħolma li ħlomt il-lejl li għadda hija bizzejjed biex twettaq fija l-fehma li dak il-bniedem hu l-Messija tagħna u biex nibqa' nemmen fi kliemu.

RAKELA: U x'ħolma sabiħa ħlomtilna, ja Deborah?

DEBORAH: Kerha u sabiħa. Ħlomt lilu, lil dak li kellimni fuq dak il-bir. Wiċċu, għajnejh, fommu għadhom quddiem għajnejja u ma ninsiehom qatt. Rabtuh, ħaduh quddiem il-Lhud il-Kbar tal-Ħaqq tal-belt ta' Ġerusalemm. Xlewh bħala ħati li kiser il-liġijiet tagħhom, għax ried igħid li hu l-Messija, bin Alla mibgħut minnu. li hu s-Sultan tal-Lhud. Sawtuh, biċċruh, beżqulu f'wiċċu, għamlulu kuruna tax-xewk madwar rasu, libbsuh mant aħmar fuq dahru, tawh qasba f'idejh u rabtuhomlu,

għajruh Sultan tal-Lhud u sellmulu għarkobbtejhom biex jiddieħku bih. Fl-aħħarnett, għabbewh b'salib. Jien tkexkixt, ma flaħtx narah tiela' l-għolja u jaqa' taħt dak is-salib, u dawk il-kiefra ta' Lhud iġagħluh iqum bis-swat. Bdejt nibki, mort quddiemu ma' dawk in-nisa li daru miegħu, biex jixxuttawlu wiċċu u jaħslulu idejh bid-dmugħ tagħhom. Hu dawwar wiċċu, ħares lejja bi ħniena u deherli li rajt bħal tbissima fuq fommu. Il-ħolma tiegħi nqatgħet f'daqqa waħda meta minn fuq is-salib qabel għalaq għajnejh smajtu jgħidli : "Binti, għada tarani miegħek fejn dak il-bir, narġa' ndewqek l-ilma tal-ħajja ta' dejjem, għax int emmint kliemi".

RAKELA : Holma tassew tal-biża' u ta' swied il-qalb. Jiena li smajtek ħassejt bħal tkexkixa bard ma' ġismi kollu.

REBEKKA : U inti taħseb li din il-ħolma li ħlomt hija minnha?—

SARAH : Illi hu għad jiġi jarak, kif wiegħdek?

DEBORAH : Ma nafx, naf biss li minn dak il-ħin li ħlomt bih minn quddiem għajnejja ma jistax imurli. Dal-lejl ma stajtx norqod... mhux ħlief narah quddiemi.

RAKELA : Dan il-bniedem għamillek seħer, u għalhekk lejl u nhar toħlom bih.

SARAH : Xejn la temmen li sejra tarġa' tarah. Il-mejtin ma jqumux. Li kellu dik il-ħila li jarġa' jqum mill-qabar fejn hu midfun, ma kienx iħalli min isallbu u joqtlu. Deborah, ħallik minn dan it-thewdin ta' moħħok. Il-mejjet ma jqumx, u imxi magħna.

REBEKKA : Il-lejla għandu jiġi l-Hakem minn Ġerusalemm massuldati tiegħu u jkun hemm għors kbir ġewwa d-Dar il-kbira li bena. Il-mara tiegħu ġejja ma' ħbiebha.

RAKELA : La temminx li għad terġa' tarah lil dak is-saħħâr. Fl-aħħar għamlu ħaqq minnu l-kbarat ta' Ġerusalemm.

*Rakela, Sarah u Rebekka jerfgħu l-qliel fuq spallejhom u jaħbtu sa jitilqu.*

SARAH : *(Tilmaħ lil Eliżew u lil Ismagħel resqin lejn dawk l-inħawi. B'leħen ħiemed lil sħabha)* Ismagħel ma' Eliżew.

RAKELA : *(Issefsef f'widnejn sħabha)*. Ismagħel, il-ħabib li kellha Deborah, *(Tersaq lejn Deborah)*. Sejrin. Hallina narawk.

*Rakela, Sarah u Rebekka jitilqu, iżda jieqfu ftit il-bogħod mill-bir taħt is-siġar f'tarf il-mogħdija u jibqgħu jissemmgħu.*

*Deborah filwaqt li tkun se timla l-qolla wara li tkun tellgħet l-ilma mill-bir, tilmaħ ġej Ismagħel ma' Eliżew. Tbaxxi rasha. Tissokta tferragħ u timla mill-bir.*

ELIŻEW : Iva, Ismagħel, jiena rajtu, u dak hu dak il-bniedem li darba kien ġie hawnhekk ma' sħabu qabel ma telaq għal Galilija. Tiftakar? Igħidu li kien waqaf jistrieħ fuq dak il-bir, filwaqt li qagħad jistenna lil sħabu ġejjin mill-belt. Int dik il-ħabta ma kontx f'Sikar; kont mort il-Lhudija bil-ġlud tan-ngħaġ. *(B'leħen ħiemed)*. Hawnhekk hawn Deborah. Jien sa nħallik għax ħallejt il-merħla tiegħi marragħaj, u sar il-ħin li niġborha għax għoddu dalam.

ISMAGHEL : Narak għada l-belt. Xtaqtek tgħarrafni xi ħaġ'oħra fuq dak il-bniedem. Jien nafu f'Gerusalemm. Kulħadd kont nisimgħu jgħid fuq l-għeġubijiet li kien jagħmel. Nafu f'Betanja għand ħut Lażżru, li kif igħidu kien qajmu mill-qabar u tah il-ħajja mill-ġdid. Oħtu dejjem warajh.

ELIŻEW : Nerġa' narak u nkellmek. *(Jitlaq)*.

ISMAGHEL : *(Jibqa' ħosbien. Idawwar wiċċu u l-ħarsa tiegħu tiltaqa' ma' dik ta' Deborah—filwaqt li din tkun sejra tgħabbi l-qolla fuq spallitha, u terfa' l-oħra f'idha l-lemenija biex titlaq)*.

ISMAGHEL : Deborah !

DEBORAH : *(Tieqaf u ddawwar wiċċha)*.

ISMAGHEL : Deborah !

DEBORAH : Sejjaħtli?

ISMAGHEL : Iva, Deborah.

DEBORAH : Xi tridni?

ISMAGHEL : Insejtu forsi leħni?

DEBORAH : Ma tantx għadda żmien biex ninsieh.

ISMAGHEL : Naħseb li leħen dak ir-Rabbi li darba kellmek fuq dak il-bir kien qawwi iżjed minn tiegħi, u għadu jidwi hekk ġo widnejk li ma tismax ħliefu. Hux tassew Deborah?

DEBORAH : Jista' jkun. Naħseb, madankollu, li hekk hu.

ISMAGHEL : U x'seħer għamillek f'moħħok u f'qalbek... li ġagħlek tinfired mill-ħbieb ta' qalbek?

DEBORAH : Dak is-seħer li bih saħħar lil bosta nies oħra li l-lum jemmnu bih.

ISMAGHEL : Lil min, lil dak il-Lhudi xewwiexi, lil dak il-Galilew rasu sħuna, li saħħan ras xi nisa tal-Lhudija, fosthom lill-aħwa ta' Betanja, u lil dik il-mara l-oħra li nafha tit-

bahrad qalb is-suldati ta' Ruma, u l-lum taraha tinxteħet għarrkobbtejha quddiemu taħsillu riġlejh, u taħli ż-żjut u l-balzmu f'xagħru, lil dak li saħħar xi waħda ta' moħħ dgħajjef bħal tiegħek?

DEBORAH : Iva, lil dak ir-Rabbi li fejjaq in-nies, li ta d-dawl lill-għomja, is-saħħa lir-riġlejn magħtuba. Kliemu, kliem is-sewwa, u mhux kliem dawk il-Lhud Fariżin li qarrqu bina kemm-il darba. Jiena ħassejtu f'qalbi iżjed minn dak ta' kull Rabbi ieħor li kien igħidilna li hu l-Messija.

ISMAGHEL : Ħassejtu. Meta dak in-nhar li kont ħemmhekk timla l-ilma u wiegħdek...

DEBORAH : Ħajja ġdida... il-ħajja tar-ruħ.

ISMAGHEL : U xi tkun din il-ħajja tar-ruħ?

DEBORAH : Ħajja ta' sliem u hena—dak is-sliem u hena li bnedmin oħra qajla setgħu jagħtuni.

ISMAGHEL : Fhimtek. Moħħok għadu jhewden b'dak l-ilma li ried jisqik u bih jagħtik il-hena li ħaddieħor ma setax jagħtik. *(Jidħak)*... il-hena u sliem ta' ħajja ġdida... il-ħajja tar-ruħ.... *(Jidħak)*. Dan hu li ġew igħiduli sħabek... Ifejjaq in-nies, jagħtihom is-saħħa f'ġisimhom, xogħol l-għefieret li għandu madwaru dak ir-Rabbi. U ġagħlek tinfired minni biex inti ssib l-hena u s-sliem tar-ruħ. *(Jidħak)*. Ma karkrekx miegħu għax forsi dawn il-ġranet ma kontx hemm f'Ġerusalemm, bħalma karkar lil dawk in-nisa bħalek li emmnuh u li qegħdin jibkuh u telgħu miegħu sa fuq il-għolja fejn sallbuh bħala bniedem ħati ta' dagħa kontra Jahweh, ta' xewwiexi billi xxandar li hu Bin Alla... li Hu Alla mibgħut biex iwaqqaf saltna oħra tar-ruħ. *(Jidħak)*... U inti għadek temmen bih...

DEBORAH : Għadni u nibqa'

ISMAGHEL : Tibqa'? *(Jidħak)*. Ukoll issa wara li miet?

DEBORAH : Ukoll issa, wara li miet...

ISMAGHEL : U jidhirlek issa, wara li miet ilsienu jibqa' jixgħel, iġennen l-imħuħ għal warajh, iqajjem il-qlub... tiegħek l-ewwel waħda.

DEBORAH : Iva, għax qaluli...

ISMAGHEL : Qalulek... Meta?...

DEBORAH : Dal-lejl...

ISMAGHEL : Dal-lejl?

DEBORAH : Smajtu.

ISMAGHEL : Fejn?

DEBORAH : Hawn. *(Tmiss sidirha).*
ISMAGĦEL : Hemmhekk... f'sidrek? Kellmek? *(Jidħak).* F'dak is-sider? *(Jidħak).* F'dak is-sider... ta' mara li kont...?
DEBORAH : Ta' mara li kont... u li issa m'għadnix.
ISMAGĦEL : M'għadekx?... Smajtu... u x'qallek?
DEBORAH : Smajtu, Ismagħel... u kliemu għadu jidwi f'widnejja bħalli kieku qiegħed ikellimni issa... Hu għadu ma mietx.. Hu għadu ħaj... Dak ir-Rabbi għadu ħaj.

*Rakela, Sarah u Rebekka jibqgħu jittawlu minn taħt is-sigar u juru b'subgħajhom u jsefsu f'widnejn xulxin.*

ISMAGĦEL : Mur, mela, erġa' sibu lil dak ir-Rabbi li għadu ħaj biex jagħtik dik il-ħajja ta' sliem u hena li hu kien wiegħdek għal dejjem.

*(Jaħbat sa jitlaq. F'daqqa waħda d-dalma li kienet waqgħet wara li niżlet ix-xemx tinkiser f'mewġa ta' dawl qawwi li jdawwal ix-xena u l-uċuħ. Ismagħel jieqaf u jibqa' bil-ħarsa ċassa ta' bniedem mitluf minn sessih. Deborah terfa' rasha, b'għajnejn mistagħġba u daħkanija hija u ddawwar wiċċha minn fejn kien ħiereġ id-dawl. Rakela, Sarah, u Rebekka jtawlu l-ħarsa tagħhom, u, maħsudin, iniżżlu idejhom u jħarsu mistagħġbin lejn xulxin. Jidher KRISTU ġej miexi b'pass tqil u sod, imdawwar b'dija qawwija.*

DEBORAH : *(Tinxteħet għarrkubbtejha quddiemu u tgħajjat).* Ja Rabbi, Inti għadek ħaj... għadek ħaj... Jiena għidtilhom... ma ridux jemmnuni... *(Taqbadlu jdejh u tbushomlu).*
KRISTU : Inti bistli dawk l-idejn li għadhom ħomor b'dawk l-imsiemer li bihom sallbuni. Inti waħda minn ta' l-ewwel li bisthomli, u bihom imbierkek biex is-sliem u l-hena ta' dejjem jibqgħu f'ruħek bħalma kont wegħedtek meta tlabtni tisqini... Kun imbierka, binti. Jien reġa' sejjer niltaqa' ma' nies bħalek il-Galilija, nies li jemmnu Bija, u minn hemm lura lejn Ġerusalemm fejn sallbuni, u minn hemm għand Missieri, fis-Sema, hemm fuq... minn fejn għad insejjaħ lilek... u lil minn baqa' u jibqa' jemmen Bija...

*Filwaqt li KRISTU jkun sa jħarrek riġlejh biex jibqa' miexi u Deborah tkun sa terħilu idejh kif tkun għadha għarrkubbtejha, ix-xena tagħlaq bil-mod il-mod. Minn ġewwa jinstama' l-kant tal-Anġli moħbija fis-Smewwiet.*

KWADRU